# Il-Vara ta' Marija Mtellgħa s-Sema - Knisja Arċipretali Gudja

L-istatwa ta' Marija Assunta meqjuma fil-Knisja Arċipretali tal-Gudja hija skultura fl-injam ta' l-iskultur Malti Vincenzo Dimech.

Vincenzo Dimech (1768 – 1831) kien Furjaniż. Twieled f' familja ta' skulturi u nies ta' l-arti. Fost l-aktar xogħlijiet importanti tiegħu nsibu l-istatwa titulari ta' San Publiju fil-knisja tal-Furjana, l-istatwa minquxa fil-ġebel ta' l-Appostlu Sant' Andrija fil-pjazza ta' quddiem il-knisja parrokkjali ta' Marsaxlokk, l-istatwa tal-ġebel tal-profeta Elija quddiem il-Knisja ta' Santa Tereza f' Bormla, San Ġużepp fil-knisja ta' Żurrieq, San Ġużepp ieħor fil-Knisja ta' Birkirkara u l-iskulturi fil-ġebel li jiddekoraw il-Monument ta' Sir Alexander Ball fil-Ġnien tal-Barrakka t' Isfel fil-belt Valletta.

L-istatwa ta' Marija Assunta fil-Gudja nħadmet fl-1807. Hija l-eqdem statwa titulari ta' Santa Marija fost dawk kollha li nsibu f' diversi bliet u rħula f' Malta u Għawdex. Fiha Vincenzo Dimech ħoloq idjoma ikonografika li ġiet riproposta minn skulturi oħra li ġew wara, speċjalment fil-ġest tal-figura ta' Marija li tidher li qed tiftaħ idejha biex tilqa' mill-ġdid fi ħdanha lil binha Ġesù.

Dimech jagħżel li jpoġġi l-figura ta' Marija b' ħarsitha 'l fuq lejn is-sema. Il-figura tinsab imwieżna fuq tliet putti ċkejknin. Marija hija liebsa libsa ħamranija marbuta magħha permezz ta' terħa irqiqa. Mantell blu idawwarha fit-trasport tagħha lejn il-ġenna. Velu ċkejken jgħattilha rasha b' turija ta' rispett u qima lejn dak il-Ħallieq li miegħu sejra tiltaqa'. Idejn Marija jinsabu miftuħa beraħ.

L-iskultura ta' Dimech illum il-ġurnata hija mgħollija fuq pedistall li sar fis-snin 30 tas-seklu li ghadda. Lejn l-aħħar tas-snin 40 l-istatwa sarulha interventi tekniċi u modifikazzjonijiet fl-irkobba ta' Marija kif ukoll fil-mantell.

Fis-snin 80, l-istatwa reġgħet gawdiet minn rinnovazzjoni ta' l-induratura kif ukoll lill-putti (li sa dak iż-żmien kienu indurati) ingħatalhom il-karnaġġjon.

Din l-iskultura hija fl-idjoma tal-Barokk tardiv – stil li baqa' jappella ħafna għall-għajnejn tan-nies fil-gżejjer tagħna, l-aktar minħabba l-fatt li l-Maltin kienu imdawwra bl-elementi Barokki fil-parti l-kbira tal-knejjes kollha.

**Cyprian P. Dalli B.A. Hons. (Storja ta' l-Arti u l-Arkitettura)**



**Il-Vara ta' Santa Marija qabel ma sar ir-restawr fl-1948**

**IL-LEJLA SAJFIJA B'RISQ IL-FESTA TA' SANTA MARIJA TIĠI ORGANIZZATA MILL-PARROĊĊA BIL-KOLLABORAZZJONI TAL-KUNSILL LOKALI.**

**GRAZZI LIL KULĦADD**